**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**SEDUTA NRU 229**

L-Erbgħa, 10 ta' April 2024

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta fl-4.02 p.m.

L-Ispeaker, l-Onor. Anġlu Farrugia, ippreseda.

## PREŻENTI

Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, Ugwaljanza, ir-Riformi u Djalogu Soċjali l-Onor. Chris Fearne, il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ l-Onor. Ian Borg, il-Ministru għall-Finanzi l-Onor. Clyde Caruana, u l-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva l-Onor. Jo Etienne Abela kienu msiefra fuq xogħol tal-Gvern.

Il-Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli l-Onor. Roderick Galdes, il-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar l-Onor. Clint Camilleri, l-Onor. Ray Abela, l-Onor. Ivan J Bartolo, l-Onor. Abigail Camilleri, l-Onor. Randolph De Battista u l-Onor. Romilda Zarb kienu skużati.

## TALBA

L-Iskrivan tal-Kamra qalet it-talba.

## MINUTI

Il-Minuti tas-Seduta Nru 228 li saret fid-9 ta' April 2024 kienu konfermati.

## MISTOQSIJIET

Mistoqsijiet ġew magħmula u mogħtija tweġiba orali.

Fl-4.30 p.m. l-aħħar mistoqsija kienet numru 16248 u l-mistoqsijiet l-oħra kollha li dehru fuq l-aġenda ngħataw tweġiba bil-miktub.

## TQEGĦID TA' KARTI

Is-Segretarju Parlamentari għax-Xogħlijiet Pubbliċi, l-Onor. Omar Farrugia, f'isem il-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3478 Tagħrif dwar in-numru ta' cruise liners li daħlu f'Għawdex fil-perjodu bejn Jannar 2013 u Marzu 2024 u dawk li hemm ippjanati li jidħlu fl-2024, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 17586;

P.L. 3479 Tagħrif dwar in-numru ta' reserved parking bays għal Blue Badge Holders li hemm fil-Pietà maqsuma triq triq, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 17685;

P.L. 3480 Tagħrif dwar in-numru ta' communal reserved parking bays għall-persuni b'diżabilità f'San Pawl il-Baħar maqsuma triq triq, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 17686;

P.L. 3481 Tagħrif dwar in-numru ta' spezzjonijiet fuq karozzi tal-linja, minibuses u coaches li saru minn Transport Malta fil-perjodu bejn Marzu 2023 u April 2024, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 18064;

f'isem il-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3482 Informazzjoni addizzjonali għall-mistoqsija parlamentari numru 17568 dwar xogħlijiet oħra li saru fuq il-vapuri tal-Gozo Channel, li tweġiba għaliha ngħatat fis-seduta 228 tad-9 ta' April 2024;

f'isem il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3483 Tagħrif dwar in-numru ta' inċidenti tat-traffiku li seħħew fiż-Żejtun maqsuma bejn dawk indirizzati mill-Pulizija u dawk mil-LESA għas-snin bejn l-2020 u l-2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 18013;

P.L. 3484 Tagħrif dwar in-numru ta' roadblocks li saru mill-Pulizija tad-Distrett għall-perjodu bejn Jannar 2023 u Marzu 2024 maqsuma skont id-Distrett, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 18067;

f'isem il-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3485 Ftehim bejn il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma u l-Ministeru għall-Edukazzjoni u Xogħol iffirmat fis-7 ta' Lulju 2020 għal-"Leasing and Operating of Indoor Potable Water Dispensers Agreement", bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 18079.

**KUMITATI PERMANENTI**

Il-President tal-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Barranin u Ewropej, l-Onor. Edward Zammit Lewis, irrapporta li fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma I fi ħdan il-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Barranin u Ewropej li ltaqa' fil-25 ta' Marzu 2024, ġew ikkonsidrati tmien proposti leġiżlattivi għall-fini ta' Protokoll 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u rriżulta li sebgħa minnhom kienu konformi mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u proporzjonalità filwaqt li waħda nżammet għal konsiderazzjoni ulterjuri, u qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3486 Lista ta' tmien proposti leġiżlattivi kkonsidrati għall-fini ta' Protokoll 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

**ORDNIJIET TAL-ĠURNATA**

L-Iskrivan tal-Kamra qrat l-Ordnijiet tal-Ġurnata.

## 1. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR L-ATTIV FINANZJARJU VIRTWALI – ABBOZZ NRU 88

Il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir, l-Onor. Miriam Dalli, f'isem il-Ministru għall-Finanzi, ipproponiet it-Tielet Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Attiv Finanzjarju Virtwali.

Is-Segretarju Parlamentari għax-Xogħlijiet Pubbliċi, l-Onor. Omar Farrugia, issekonda.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att biex jemenda l-Att dwar l-Attiv Finanzjarju Virtwali, Kap. 590, u sabiex jipprovdi għal ħwejjeġ anċillari jew konsegwenzjali għalihom" inqara t-tielet darba u għadda.

## 2. RAPPORT ANNWALI DWAR L-IŻVILUPP SOSTENIBBLI GĦAS-SENA 2022, SKONT L-ARTIKOLU 14 TAL-ATT DWAR L-IŻVILUPP SOSTENIBBLI, KAP. 521 - DISKUSSJONI ĠENERALI MINGĦAJR VOT

Il-Kamra rriżumiet mid-9 ta' April 2024 id-diskussjoni dwar ir-Rapport Annwali dwar l-Iżvilupp Sostenibbli għas-sena 2022.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Justin Schembri, l-Onor. Alicia Bugeja Said, l-Onor. Ryan Callus, l-Onor. Rebecca Buttigieg, l-Onor. Robert Cutajar, l-Onor. Alex Muscat u l-Onor Albert Buttigieg.

Fis-7.01 p.m. id-diskussjoni kienet interrotta u baqgħet aġġornata.

## AĠĠORNAMENT

Is-Segretarju Parlamentari għall-Anzjanità Attiva, l-Onor. Malcolm Paul Agius Galea, ippropona l-Aġġornament tal-Kamra għal nhar it-Tnejn, 15 ta' April 2024, fl-4.00 p.m. b'din l-aġenda:

## ORDNIJIET TAL-ĠURNATA

| | |
|---|---|
| Rapport Annwali dwar l-Iżvilupp Sostenibbli għas-Sena 2022, skont l-Artikolu 14 tal-Att Dwar l-Iżvilupp Sostenibbli, Kap. 521 | Diskussjoni Ġenerali Mingħajr Vot (Kont.) |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar Kunsill għall-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 5) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 6) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili (Emenda Nru 2) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar it-Twaqqif ta' Kumitat għar-Rakkomandazzjonijiet ta' Miżuri għall-Ħarsien ta' Ġurnalisti, Persuni oħra b'irwol fil-Midja u Persuni fil-Ħajja Pubblika | Tieni Qari |

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda Diversi Liġijiet dwar il-Protezzjoni tal-Midja u tal-Ġurnalisti | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar il-Monitoraġġ Elettroniku | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Patrimonju Kulturali | Tielet Qari |

Jew xi aġenda oħra li tista' tiġi komunikata aktar tard.

----

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi fuq Azzjoni dwar il-Klima | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda Liġijiet Varji dwar il-Kirjiet Residenzjali Privati | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Professjoni tax-Xogħol Soċjali | Kumitat Permanenti |

Il-ħin tal-aġġornament ittieħed min-naħa tal-Oppożizzjoni, mill-Onor. Mark Anthony Sammut u mill-Onor. Joe Giglio.

Fis-7.24 p.m. l-Ispeaker avża li l-Kamra ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn, 15 ta' April 2024, fl-4.00 p.m. bl-aġenda kif komunikata mis-Segretarju Parlamentari għall-Anzjanità Attiva.

**ELEANOR SCERRI**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA**
**SPEAKER**